MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 1528/1998/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Rosanna Zahra abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Rosanna Zahra**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Ottubru 2003 l-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun

kundannata, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, thallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited s-somma ta' tliet mija u sitta u sebghin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm376.74) jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici Rosanna Zahra u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive, u di piu' thallas lill-attrici Rosanna Zahra mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00) rapprezentanti excess payment, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Novembru 1997 gewwa Triq il-Ghajn, Dingli u li kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAL 424 misjuqa mill-attrici Rosanna Zahra, liema incident sehh unikament minhabba ammont ta' terrapin u tajn mis-socjeta konvenuta imholli b'mod negligenti u traskurat fit-triq in kwistjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 24 ta' Marzu 1998 u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 5 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-28 ta' Novembru 1997 fi Triq il-Ghajn, Dingli sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku imputabbli biss lil Rosanna Zahra u fir-rigward ta' liema incident s-socjeta konvenuta m'ghandha ebda responsabilita;

2. Illi ghaldaqstant m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur Rosanna Zahra;

3. Isegwi illi s-socjeta konvenuta m'ghandha tigi kkundananta thallas ebda somma lill-atturi;

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi fit-28 ta' Novembru 1997, WPS 95 Jean Farrugia (fol 14 u fol 61 et seq ibid) kienet marret fuq il-post tal-incident f'Triq il-Ghan, Dingli u dan ghall-habta tas-6 p.m. u hemmhekk kienet sabet karozza wahda tal-marka Skoda u bin-numru CAL 424, misjuqa mill-attrici ossija l-assikurata tas-socjeta attrici nomine. Fuq il-post, ix-xhud kienet rat "…zrar fuq l-art kif ukoll tajn li kien gej minn munzell li, skond hi (l-attrici) kien thalla minn kuntrattur (is-socjeta konvenuta) minhabba li hemm kien qed jsir xoghol ta' bini". L-istess xhud kompliet tghid "Dik il-gurnata kienet ix-xita. Ghalhekk hareg hafna materjal minn dak il-munzell li semmejt aktar il-fuq". L-istess xhud iddeskriviet it-triq in kwistjoni bhala wahda ghan-nizla u fiha hemm dawra ("L-shaped") u wara ftit metri, kien hemm, fuqha, l-materjal imsemmi "minghajr l-ebda tabella li tindika li kien hemm il-materjal" (ara ukoll il-kopja tar-rapport a fol 18 u fol 19 tal-atti kif ukoll l-iskizz esebit a fol 17 ibid). Pulizija iehor li mar fuq il-post kien PS 48 Philip Cortis (fol 33 et seq ibid). Dan ix-xhud kien xehed li fid-29 ta' Novembru 1997, kien mar fl-istess triq ghall-habta tat-8a.m. u hemm kien sab materjal ta' bini fuq it-triq. Fil-vicin kien ra gafef u ingenji ohrajn kif ukoll haddiema tas-socjeta konvenuta (ara ukoll ir-rapport sottomess minn dan ix-xhud a fol 35 ibid).

Illi l-attrici (fol 20 et seq ibid) spjegat li kienet qed issuq ghall-habta tas-6.30p.m. mid-direzzjoni ta' Casal Dingli sejra lejn ir-Rabat. Fl-istess gurnata kienet nizlet ix-xita li, pero' kienet waqfet meta gara dan l-incident. Meta waslet fl-imsemmija dawra fit-Triq in kwistjoni u daret maghha bil-mod hi sabet tajn fuq it-triq u fi kliemha stess "haditni l-karozza". Meta gara hekk hi "tajt engine brake ….. rajt arblu quddiemi ippanikjajt u ghafast il-"brake dawwart l-steering u bqajt diehla fil-hajt". In rigward it-tajn, hi iddeskrievitu bhala "tajn sostanzjali" ossija "… aktar minn pied gholi". Hi ssenjalat li fuq il-post ma kien hemm tabella. A fol 23, jinsabu erba' ritratti li ttiehdu minnha

stess u gew esebiti mal-atti. Dawn kienu gew esebiti minnha sabiex oltre li turi x-xena tal-incident in esami tindika t-tajn ossija terrapin mal-art, oltre li pprecizat, li meta gara dan l-incident, ma kienx hemm dawk it-“trucks” murija.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta’ konvenuta gew prodotti s-segwenti provi:-

a) Saviour Porter (fol 72 et seq ibid) in rappresentanza tal-Ufficcju Meteologiku. Dan, indika anke permezz ta’ dokumenti li fis-26 u fis-27 ta’ Novembru 1997, ma kienetx nizlet xita fil-lokalita’ in kwistjoni. Pero fl-istess lokalita fit-28 u fid-29 tal-istess xahar u semma’ li kienu nizlu, rispettivament, 27.5mm u 6.4mm, ta’ xita waqt li, l-ghada, kienu nizlu 15 mm ta’ xita.

b) Andrew Baldacchino, direttur tas-socjeta konvenuta (fol 79 et seq ibid) ikkonferma li, filfatt, fit-triq in kwistjoni kien qed jsir xoghol ta’ bini mis-socjeta konvenuta fis-sens li “… Konna qed inqattghu blat l’fuq mit-triq” u ssegwentement “….nghabbuh bhala terrapin” direttament fuq it-trucks. Fl-istess lant tax-xoghol kienu qed jintuzaw skavatur u gaffa tal-katina biss. In rigward l-perjodu ta’ dan l-incident, kienet nizlet xita qawwija u bhala konsegwenza kien “…. Mexa xi materjal u hareg ghal got-triq” liema triq kienet taht il-livell ta’ fejn kien qed jigi esewit ix-xoghol deskritt. L-istess xhud spjega li kull fil-ghaxija il-post kien jitnaddaf u bhala lqugh kien jintuza il-hajt stess.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, ma ghandu jkun hemm ebda dubju, li :-

a) Il-karozza misjuqa mill-attrici gralha dak li grala, bhala konsegwenza diretta tal-presenza ta’ tajn ossija terrapin li nizel, fi kwantita’ konsiderevoli fuq it-triq u dan mill-post fejn kien qed jsir xoghol ta’ thaffir u bini, mis-socjeta konvenuta. Dwar dan ghandu jinghad li fil-perijodu in

esami, kienet nizlet kwantita' pjuttost konsiderevoli ta' xita bir-risultat kif hawn fuq deskritt.

b) Bl-ebda mod ma irrizulta li l-attrici kienet b'xi mod responsabbli ghal dan l-incident minhabba xi traskuragni fis-sewqan da parti taghha.

c) Skond l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili kull persuna hi responsabbli ghal danni u hsarat kagunati minhabba tort da parti tieghu. Kif jidher mill-artikolu 1032 dan jigi f'kaz li din il-persuna ma tuzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias". Dwar dan, ghandu jinghad li tali nuqqas jista' jirrisulta mill-agir kolpuz kif ukoll anke minn ommissjoni da parti tal-istess persuna b'dan li ma ghandu jkun hemm ebda responsabilita f'kaz li l-hsara tkun risultat ta' kaz fortwitu jew ta' forza irresistibbli. Fil-kaz in desamina, wara li gew meqjusa il-fatti kollha migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti a basi tal-provi prodtti jidher li s-socjeta konvenuta ghandha tigi konsiderata bhala responsabbli ghal dak li gara lill-attrici minhabba <u>ommissjoni</u>. Difatti jidher evidenti li l-istess socjeta' konvenuta ma hadet ebda prekawzjoni sabiex materjal bhal dak in esami jiskula ghal fuq it-triq u b'hekk ma jigix kreat periklu ghal karozzi li qed jinsaqu fuq l-istess triq. Kif jidher mill-provi prodotti specjalment ir-ritratti esebiti u x-xhud ta' Andrew Baldacchino stess ma jidhirix li kien hemm xi tip ta' lqugh sufficcjenti sabiex jigi evitat li jinzel ghal fuq it-triq materjal mill-post li kienet qed jithaffer. Filfatt fil-fehma tal-Qorti din hi ommissjoni pjuttost gravi da parti tas-socjeta konvenuta. Ghandu jinghad li hu minnu li kienet nizlet kwantita' pjuttost konsiderevoli ta' xita. Pero' hu minnu ukoll li tali fenomenu hu facilment provedibbli fl-istagun li fih gara dan l-incident.

Illi, ghalhekk, is-socjeta konvenuta ghandha tigi konsiderata bhala responsabbli ghal dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' danni pretiz, ma ingiebet ebda prova li tindika li effettivament, huma esagerati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-incident in esami gara minhabba, unikament, minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-istess socjeta’ konvenuta.

2. tillikwida l-ammont ta’ danni globali fis-somma ta’ Lm501.74,0 u;

3. tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill dik attrici nomine s-somma ta’ Lm376.74,0 u lill-attrici, Rosanne Zahra, s-somma ta’ Lm125.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Marzu 1998.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. Ir-raguni minnha sottomessa hi dik li d-dannu subit fil-vettura ta' l-attrici Rosanna Zahra kien l-effett ta' incident li ghalih din kienet unikament responsabbli. Essenzjalment, is-socjeta` konvenuta appellanti tattribwixxi din l-imputabilita` fl-attrici msemmija ghall-fatt tas-sewqan taghha b' velocita` eccessiva;

Principalment, il-fatti li taw lok ghall-incident huma dawn:-

1. L-attrici (fol. 20) tghid li kienet qed issuq fid-dlam u fix-xita minn Had-Dingli fid-direzzjoni tar-Rabat. Wara li kissret dawra fil-perkors taghha sabet it-tajn fit-triq, haditha l-karozza, skiddjat ghal certu distanza, tat *engine brake*, ippanekkjat, ghafset il-*brake*, dawwret l-i*steering* u skontrat ma' hajt. Hi tghid li dan it-tajn kien f' nofs tat-triq;

2. WPS 95 Jean Farrugia (fol. 14 u fol. 61), li nvestigat l-incident, tikkonferma l-ezistenza tat-tajn fit-triq provenjenti minn munzell ta' terrapien mal-genb tat-triq fejn kien qed isir xoghol ta’ kostruzzjoni. Izzid tghid li osservat il-materjal joskula minn dan il-munzell minhabba x-xita hafna li nizlet. Tghid ukoll li *a tempo debito* l-attrici rrakkontatilha li kif rifset id-debris tilfet il-kontroll tal-vettura;

3. Li nizlet xita, u xita qawwija hafna, hu konfermat minn Saviour Porter (fol. 72) ta' l-Ufficcju Meterjologiku u minn Andrew Baldacchino (fol. 79) rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Dan ta' l-ahhar jaccetta wkoll illi minhabba x-xita mexa xi materjal mis-sit fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet u nizel ghal got-triq. Jiddikjara wkoll illi in linea generali filghaxijiet inaddfu l-post u waqt il-kors tax-xoghol juzaw *cones* u *barriers*;

4. Bhala fatt jirrizulta wkoll illi s-socjeta` konvenuta giet ritenuta responsabbli ta' kontravvenzjoni talli poggiet jew halliet materjal tal-bini bla licenzja u ngombrat it-triq. Ara okkorrenza fol. 19 u d-deposizzjoni ta' PS Philip Cortis (fol. 33);

Qabel ezami tal-fattezzi elenkati f' dan il-kaz partikolari din il-Qorti jidhrilha opportun li taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

1. Huwa principju maghruf in materja ta' incidenti stradali illi, kif senjalat mis-socjeta` appellanti, hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab fihom, *ad exemplum*, il-hin ta' bil-lejl, ix-xita u l-istat ta' l-art u rapporti ohra kontingenti (**Kollez. Vol. XLVI P I p 112; Vol. LI P I p 210**). Ifisser minn dan illi l-kriterju tar-responsabilita` tas-sewwieq tistrieh fuq in-nozzjoni tad-diligenza li hu ghandu jadopera fil-konduzzjoni u kontroll tal-vettura tieghu. In-nuqqas ta' din l-istess diligenza ggib b' konsegwenza ghalih l-kolpa prezuntiva li ssemmi l-ligi fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili;

2. Huwa principju daqstant iehor importanti u maghruf illi, kif dixxiplinat minn disposizzjonijiet varji tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, min ikun qed jippresta xoghlijiet ta' kostruzzjoni ghandu jevita li jhalli materjal jew xkiel iehor li jkun ta' perikolu jew inkomodu lill-pubbliku. In-nuqqas tal-harsien ta' dawn id-dixxiplini ta' komportament igib b' rizultat mhux biss inkolpazzjoni f' sens penali izda wkoll responsabilita`, f' sens civili, jekk

jinstab li ma ttiehdetx kura u tutela sufficcjenti u adegwata biex tiskansa lil dak li jkun mir-riskji insiti u hekk estranei ghall-konducenti jew utenti ohra tat-triq. F' kaz bhal dan jekk jinstab li jezistu l-presupposti cari tar-responsabilita` il-kuntrattur jew min ikun fi htija jkollu jwiegeb ghad-danni rizultanti subiti mit-terz danneggjat;

3. F' cirkostanzi ta' din ix-xorta d-dannu mputabbli jissejjes fuq il-kriterju oggettiv derivat mill-kollegament bejn l-attivita` tal-kostruzzjoni u x-xkiel jew nasbiet ghac-cirkolazzjoni tat-traffiku;

4. Biex jirnexxi fid-difiza tieghu li hu ma kienx fi htija, l-imprenditur, ossija s-socjeta` konvenuta kostruttrici f' dan il-kaz, jenhtiegilha ggib il-prova liberatorja ta' ezistenza ta' fatt idoneu, kapaci li jinterrompi n-ness kawzali bejn l-att jew l-ommissjoni taghha u l-event dannuz. Fi kliem iehor li hi hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex tiskansa d-dannu u allura wkoll, li dan id-dannu gie prodott indipendentement mill-imgieba taghha. Dan billi turi pozittivament illi d-dannu kien ir-rizultat tas-sewqan kolpuz tal-konducenti jew, alternattivament, l-effett tal-kaz fortuwitu;

Ri-ezaminati l-provi din il-Qorti ma ssibx kif tista' tigi validament sostnuta t-tezi tas-socjeta` appellanti illi l-kawza prossima ta' l-incident kien is-sewqan eccessiv ta' l-attrici appellata. Apparti l-izmentita professata mill-istess attrici li ghall-kuntrarju ssostni li kienet qed issuq "bil-mod" (fol. 21), ma ngiebet l-ebda prova konvincenti ta' xi sewqan eccessiv. Dippju tali eccessivita` ma tistax lanqas tigi dezunta mic-cirkostanzi. Il-fatt li l-attrici tfixklet u ppanikjat, u ghamlet il-manuvri li ghamlet, hu spjegat mic-cirkostanzi inuzwali li sabet ruhha fihom dak il-hin wara li l-vettura taghha kienet rinfaccjata bit-tajn, u dan gieghel lill-istess vettura tiskiddja;

Kwantu ghall-ezimenti tal-kaz fortuwitu, li del resto s-socjeta` appellanti mhix qed tinsisti fuqu, ghandu f' kull kaz jigi osservat illi biex tirnexxi f' din id-difiza, ezoneranti

tar-responsabilita`, is-socjeta` appellanti riedet tipprova il-karattri fondamentali ta' l-eccezzjonalita`, inevitabilita` u ta' l-imprevidibilita`. Indubbjament, li taghmel ix-xita, u xita bosta, fix-xahar ta' Novembru hu prevedibbli. Jekk kien avveniment previdibbli dan kellu jinduci lis-socjeta` appellanti biex tuza dik l-ordinarja prudenza, tnaddaf b' mod adegwat il-post (kif hekk wara kollox tafferma li taghmel, ghalkemm milli jidher mhux f' dan il-kaz) u b' hekk tevita r-riskju ghas-sewwieqa u l-konsegwenzi dannuzi ghalihom. Minn dan kollu jidher li ma ghamlet xejn. Dan hu bil-wisq ovvju gjaladarba, kif irrizulta, fid-dinamika ta' l-incident it-terrapien imhallat bix-xita kellu rwol certament attiv fil-produzzjoni tad-dannu ghall-attrici. Dannu li seta' jigi evitat, kieku it-terrapien ma thalliex jingema' u jipperkola f' tajn fit-triq;

Precizat is-suespost hi wkoll l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, bhall-Qorti Inferjuri qabilha, illi l-attrici rnexxielha tiddimostra li l-kawza eskluziva ta' infortunju subit minnha kienet is-sitwazzjoni oggettivament ta' perikolu tat-tajn fit-triq u li dan kien l-element kawzali li pprokura l-event dannuz ghaliha. Ghalkemm huwa veru li l-vjolazzjoni wehidha tan-normi tad-dritt penali mhix necessarjament u dejjem fonti ta' responsabilita` civili dan jibqa' hekk sakemm ma jigix xort' ohra muri, kif hekk hawn stabbilit u provat, li dik l-istess vjolazzjoni kienet il-fattur baziku li wasslet ghas-sinistru;

Min-naha l-ohra s-socjeta` appellanti naqset li ggib prova sodisfacenti u perswaziva, jew taghmel sottomissjoni valevoli, illi l-attrici appellata infrangiet xi norma tal-prudenza u tad-diligenza komuni mistennija minnha, *qua* konducenti. Inversament, issib li kienet proprju l-istess socjeta` appellanti li naqset li tosserva r-regola fundamentali "*neminem laedere*", kif hekk prudentement u b' akkortezza kien jispetta u jinkombi lilha.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra stabbiliti mill-ewwel Qorti l-appell kif propost mis-socjeta` konvenuta qed jigi

rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------